# San Nikola, s-Siġġiewi u s-Sengħa tal-Bini

Perit Anthony Gatt

Il-kampanja sabiħa ta' madwar is-Siġġiewi offriet u għadha toffri b'ċertu importanza sal-ġurnata tal-lum l-għejxien ta' ħafna familji Siġġiwin. Kienu bosta li l-attività prinċipali tagħhom kienet ix-xogħol fir-raba' u jerġa' ħafna minn dawn il-bdiewa, li kienu jkunu wkoll midħla tas-sengħa tal-bini, fix-xhur tas-sajf kienu jidħlu għal xi biċċa xogħol ta' kostruzzjoni. Madankollu iżda, is-Siġġiewi gawda minn bosta mgħallmin fis-sengħa tal-bini u bħal Mastru Pietru Mallia li bena l-koppla tal-knisja fl-1919 baqgħu jissemmew għax-xogħol sabiħ li ħallew warajhom.

Barra l-art għammiela u tajba biex tinħadem, madwar is-Siggiewi nsibu meded ta' art li l-blat ta' taħthom huwa tajjeb biex jintuża fix-xogħol tal-bini. Dan wassal biex is-Siġġiewi jkun imdawwar b'numru kbir ta' barrieri. Dawk il-barrieri li jinsabu fl-inħawi Ta' Żuta, bejn is-Siġġiewi u Ħad-Dingli, hekk imsejħa 'Hard Stone Quarries', jipproduċu materjal bħal żrar u ramel biex jitħallat mas-siment u jiġi prodott il-konkos filwaqt li l-barrieri l-oħra fix-xaqliba ta' Wied Xkora bejn is-Siġġiewi u l-Imqabba msejħa 'Soft Stone Quarries', jipproduċu ġebla/kantun tal-franka mfittxija ħafna mal-imgħallmin tas-sengħa tal-bini. L-imħabba u r-rabta tas-Siġġiewi mas-sengħa tal-bini u l-biedja huma miżmuma ħajja permezz ta' attivitajiet annwali bħall-Wirja Agrarja, il-Festa tal-Inbid kif ukoll il-Mużew privat fis-Siġġiewi stess dwar il-qtugħ u x-xogħol fil-ġebla Maltija.

Il-progress ukoll kellu effett fuq kif u minn fejn jinqata' l-ġebel għall-bini. Il-limitazzjonijiet fit-trasport kienu jagħmluha aktar faċli li meta jkun qed jinbena x'imkien, il-ġebel jinqata' mill-istess post u l-ħofra li minnha jkun tqatta' l-ġebel, tibqa' tintuża bħala bir jew kantina. Aktar tard, il-ġebel beda jinqata' minn postijiet speċifikati bħalma huma l-barrieri kif nafuhom illum.



*Kantun tipiku bil-kolpi tal-imterqa*

M'għandniex xi ngħidu, qabel ma beda jintuża l-makkinarju biex jinqata' l-ġebel, għalkemm b'sistema innovattiva, dan ix-xogħol kien isir bl-idejn. Ir-riżultat kien ikun li l-ġebla li tinqata' kienet tkun kemxejn irregolari u permezz tal-imterqa dik il-faċċata biss li tkun se tibqa' tidher tiġi rfinuta biex jinqalalha wiċċ kemm jista' jkun lixx. Dan il-ġebel li jkun maqtugħ u b'wiċċ wieħed biss li jkun irfinut, jissejjaħ 'xulliel'. Għalkemm naġġara tajbin kienu jipproduċu wiċċ tajjeb ħafna, il-kolpi tal-imterqa xorta jibqgħu diffiċli ħafna biex taħbihom.

Żvilupp importanti f'dan il-qasam seħħ waqt li kien qed jinbena l-portiku l-ġdid tal-Knisja ta' San Nikola fl-1862. Il-Professur Nikola Zammit, li kien qed jieħu ħsieb dan il-proġett xtaq li l-ġebel li jintuża jkun lixx kemm jista' jkun, u mingħajr il-kolpi tal-imterqa. Fl-edizzjoni tat-22 ta' Lulju 1964 tal-ġurnal "L'Arte", Nikola Zammit jgħid kif kien hu li introduċa f'Malta ir-raxketta. Din il-biċċa għodda sempliċi, tintuża biex twitti l-kolpi tal-imterqa minn fuq il-wiċċ tal-kantun u ġġibu lixx kompletament. Zammit ikompli jgħid li hu kien ta' struzzjonijiet ta' kif trid tinħadem raxketta u żanżanha waqt ix-xogħol li kien għaddej fuq il-faċċata l-ġdida tal-Knisja ta' San Nikola tas-Siġġiewi. Din il-biċċa għodda, tant indrat, li malajr sabet ruħha tiġri ġol-barmil tal-għodda ta' kull bennej. Dan il-fatt jgħin ukoll biex wieħed jipprova jsib bejn wieħed u ieħor l-epoka ta' meta nbniet xi dar jew binja oħra. Ngħidu aħna jekk wieħed jifli sew il-ġebel u jsibu bil-kolpi tal-imterqa, wieħed ikollu indikazzjoni li dan il-bini huwa eqdem mill-1862.

Maż-żmien l-użu tar-raxketta naqas, l-aktar meta l-ġebel mill-barrieri beda jinqata' bil-lupi. Meta l-ġebel kien jitwassal fuq il-post fejn ikun se jintuża, il-bennejja kienu 'jgħaddu' l-ġebel b'magna oħra li tneħħi d-daqqiet tal-lupa. Sas-snin tmenin tas-seklu l-ieħor, din kienet ħaġa komuni ta' kuljum iżda maż-żmien bdiet tinqata' u l-ġebel beda jitwassal fuq il-post 'mgħoddi bil-magna' bil-lest ħalli kemm jista' jkun jitnaqqas l-inkonvenjent ta' storbju u trabijiet lill-ġirien.

Ir-raxketta mhijiex l-unika kontribut li l-Professur Nikola Zammit, bniedem għaref mis-Siġġiewi, ta lis-sengħa tal-bini. Barra disinji ta' knejjes sbieħ li għadna ngawdu sal-lum, Zammit kien ta kontribut ukoll għal sistemi ta' konservazzjoni tal-ġebla Maltija. Permezz tal-kitbiet tiegħu fil-ġurnal "L'Arte", sa mill-1865 huwa kien diġà jissuġġerixxi li mal-ġebla Maltija jintuża materjal li l-bażi ewlenija tiegħu jkun il-ġir. L-istess kien jikteb kontra l-użu taż-żejt tal-kittien u l-ħsara li jagħmel lill-ġebla Maltija. Dawn iż-żewġ argumenti, li għall-ħafna żmien kienu minsija, illum qed jerġgħu jiġu rrakkomandati speċjalment fi proġetti ta' konservazzjoni ta' bini antik.



*Ir-'Raxketta' - biċċa għodda, illum komuni ħafna, li kien introduċa f'pajjiżna l-Professur Nikola Zammit*